**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Novembru 2021**

**<u>Rikors nru: 187/2021 AGV ;</u>**

**Ab**

**Vs**

**cd li b' digriet ta' 29 ta' Settembru 2021, l-attur talab li kunjom il-kovenuta ghandu jigi jaqra 'E'.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ab datat 12 ta' Mejju 2021 fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis- 6 ta' Dicembru 1992, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg , hawn anness u mmarkat Dok A, u minn daz-zwieg huma kellhom zewgt itfal ossija fb u gb , li llum huma maggorenni;

2. Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Dr Elaine Farrugia, fl- 14 ta' Gunju 2012, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, mmarkata Dok. B ;
3. Ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonnciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom ghal dal-ahhar disa' snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin;
4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment u l-att ta' seperazzjoni qed jigi osservat fl-intier tieghu;
5. Dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Gimgha 5 ta' Novembru 2021 dehret il-konvenuta li mhux qed toggezzjona ghat-talba.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**